IŻ-ŻJARA TAD-DELEGAZZJONI TAL-GVERN MALTI FL-ISTATI UNITI

Intervista mad-Deputat Nazzjonalista **Franco Debono**, membru tad-delegazzjoni Maltija

# Irridu nibdlu l-mentalità u naġixxu mill-aktar fis

minn **Doris Azzopardi —** doris.azzopardi@media.link.com.mt

Delegazzjoni tal-Gvern Malti, immexxija mill-Prim Ministru Lawrence Gonzi żaret New York u San Francisco fl-Istati Uniti bejn it-22 u s-27 ta' Settembru.

Matul din iż-żjara, id-delegazzjoni Maltija — li kienet tikkonsisti wkoll mill-Viċi Prim Ministru Tonio Borg u mid-Deputat Nazzjonalista Franco Debono — hadet sehem fis-*Summit* dwar il-Bdil tal-Klima u għall-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti u kellha impenji oħra wkoll.

Intervistajna dwar din iż-żjara lid-Deputat Nazzjonalista **Franco Debono** li tkellem partikularment dwar is-suġġett tal-bdil fil-klima u enfasizza l-bżonn li l-poplu Malti jibdel il-mentalità tiegħu dwar dan is-suġġett u li jaġixxi mill-aktar fis.

L-intervista hi din:



*Id-delegazzjoni Maltija fl-ajruport ta' Malta qabel it-tluq lejn l-Istati Uniti. Mal-Prim Ministru Lawrence Gonzi jidhru wkoll il-Viċi Prim Ministru Tonio Borg u d-Deputat Nazzjonalista Franco Debono*

**X'inhi l-impressjoni tiegħek ta' New York?**

Ironikament waħda mill-aktar veduti tipiċi ta' New York, tal-famuża Time Square, rajtha minn skola Maltija! Tgħidli dan kif jista' jkun?

Assistejt lill-Prim Ministru għall-inawgurazzjoni ta' skola tal-Ingliż, holma mwettqa minn kumpanija Maltija, li b'sens imprenditorjali qawwi espandiet lil hinn minn fejn twieldet, lejn erba' pajjiżi fi tliet kontinenti.

**Imma Time Square qed tgħid propju fil-qalba tal-metropoli Amerikana?**

Hekk hu. Appartament spazjuż li kien trasformat fi skola tal-Ingliż, minn imprendituri Maltin fil-qalba ta' New York.

Verament mudell ta' sens imprenditorjali, ta' viżjoni u ta' rieda qawwija, ta' investiment bil-għaqal.

Kien hemm preżenti wkoll għall-inawgurazzjoni awtoritajiet tal-edukazzjoni tal-lokal. Andrew Mangion ma setax jiddeskrivi aħjar dan il-proġett milli bħala li kien frott ta' mentalità wettieqa, mentalità li mill-idea astratta tnaqqax proġetti konkreti.

**Naf li attendejtu wkoll is-Summit dwar il-Bdil fil-Klima u l-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti. Dawn kienu daqshekk konkreti?**

Sinċerament inħoss li għalija kienet esperjenza li ddawwal. Tant mexxejja minn tant pajjiżi differenti miġbura flimkien, imqanqla mill-urġenza tat-theddida tal-bdil fil-klima, kif ukoll il-paċi u l-prosperità tal-komunità internazzjonali.

Inħoss li l-Prim Ministru, fid-diskors tiegħu, tefa' dawl li għandu jindika t-triq 'il quddiem għar-rigward tal-bdil fil-klima.

**U dan id-diskors kien fis-*Summit* jew fl-Assemblea?**

Missejt punt interessanti, għax fil-fatt kien hemm ftit kontroversja qabel is-*Summit* dwar kif intgħażlu ftit kelliema li tkellmu. Iżda d-diskors tal-Prim Ministru kien waqt l-Assemblea fejn argumenta illi, bħalma fl-1948 kien tajjeb li tfasslet id-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem, hekk illum, jekk naqraw sew is-sinjali taż-żmien nifhmu u nirrealizzaw li wasal iż-żmien li nħejju dikjarazzjoni, din id-darba tad-doveri, tar-responsabbiltàjiet, tal-obbligi li aħna għandna bħala bnedmin lejn ħutna u lejn l-ambjent ta' madwarna.

Dan hu konsegwenza diretta tal-fatt li l-bniedem jifforma parti mill-ħolqien, li jrid jieħu ħsiebu u m'għandu ebda monopolju fuqu.

**Kif intlaqa' dan is-suġġeriment?**

Jidhirli li ntlaqa' tajjeb ħafna, u nemmen li rridu nkomplu naħdmu fuqu. Ma ninsewx li kienet Malta, permezz ta' persuna rispettata fil-qasam tal-bdil fil-klima, Michael Zammit Cutajar, li wkoll kien preżenti magħna għas-*Summit,* li lejn l-aħħar tas-snin tmenin poġġa fuq l-aġenda internazzjonali dan is-suġġett — illi ftit wieħed kien jipprevedi dak iż-żmien — x'importanza kellu jassumi fi spazju ta' żmien relattivament qasir.

Id-diskors tal-Prim Ministru wkoll kien fuq l-istess frekwenza tad-diskors tal-President Obama li wassal messaġġ ċar, sod u determinat u saħaq li hemm bżonn soluzzjonijiet, argumenti u mentalità ġdida biex niffaċċjaw l-isfidi tal-lum.

**Mentalità wettieqa… tfakkarni f'dak li konna qed ngħidu qabel dwar l-iskola tal-Ingliż, Maltija, fi New York?**

Eżattament. Il-kelliema minn diversi pajjiżi tambru fuq l-effetti katastrofiċi li, nuqqas ta' ftehim f'Copenhagen, bħala trattat li jissostitwixxi l-Protokoll ta' Kyoto, u eventwalment falliment fit-trattattivi, ikollu fuq l-imġiba tal-klima u l-pjaneta. Iż-żmien qed jagħfas, mhux se jistenniena iżda se jiġġudikana.

Il-problema hi li ħafna drabi l-protezzjoni ambjentali titqies bħala piż fuq il-kompetittività ta' pajjiż, bħala xkiel għall-ħolqien tal-impjiegi u t-tkabbir ekonomiku.

Iżda diversi kelliema saħqu li dan hu żbaljat u ż-żewġ oqsma mhux talli mhumiex f'kunflitt iżda jistgħu jikkumplimentaw lil xulxin.

Anzi din hi t-triq 'il quddiem, fosthom bil-ħolqien ta' dawk hekk magħrufa bħala *green jobs.*

Biex inwieġeb il-mistoqsija tiegħek, ir-rieda jidher li qiegħda hemm, ir-realizzazzjoni tal-urġenza tinħass u allura wieħed jista' jkun ottimist għal Copenhagen speċjalment bil-messaġġ ċar inekwivoku u sod tal-President Obama.

**Imma fil-konkret, allura x'kien qed jiġi suġġerit bħala soluzzjoni fil-prattika?**

Kif għidt din il-ġimgħa fil-Parlament, jekk id-dinja mhix se tinvesti b'ritmu aktar mgħaġġel f'enerġija nadifa, apparti konsegwenzi oħra, se jkollha tinvesti fl-isptarijiet.

L-inkwinament iġib il-mard. Il-bdil fil-klima jġib estremi fit-temp, xita qawwija u nixfa min-naħa l-oħra. Pajjiżi bħall-Ġappun iffissaw miri ambizzjużi ta' tnaqqis fl-emissjonijiet.

Il-President Ċiniż indika t-trasferiment ta' finanzi u teknoloġija lejn dawk il-pajjiżi li qed jiżviluppaw, bħala soluzzjoni konkreta għal din il-problema.

Il-President tal-Costa Rica semma l-ħtieġa ta' żieda sostanzjali fil-koperazzjoni internazzjonali biex jintlaħaq patt, li jaħseb ukoll għat-trasferiment ta' għajnuna, informazzjoni u teknoloġija.

**Iżda jekk ċerti pajjiżi jibqgħu jiġbdu lejhom dawn il-miżuri, li jidhru tajbin, jista' jintlaħaq qbil dwarhom u jitwettqu fil-konkret?**

Forsi waħda mill-aktar proposti konkreti ġiet minn tfajla ta' tlettax-il sena li ssuġġeriet edukazzjoni ambjentali mandatorja f'kull stadju tal-iżvilupp edukattiv.

Iżda lura għad-dinja tal-adulti, hi propju għal din ir-raġuni li l-mexxejja jridu jifhmu li m'hemm ebda soluzzjoni vijabbli jekk din ma tkunx kollettiva.

Il-problemi ambjentali li d-dinja qed tiffaċċja ma jafux fruntieri; x'jiġri f'pajjiż ikollu konsegwenzi fuq pajjiżi ġirien u forsi dawk imbegħda. Dan għandu jgħaqqadna bħala bnedmin biex nippreżentaw front komuni u nwettqu sforz kollettiv, koordinat, li jimxi f'direzzjoni waħda biex tingħeleb il-problema.

**Fl-istess ġimgħa, f'Malta tnediet strateġija dwar il-bdil fil-klima u naf li tkellimt dwar dan fil-Parlament.**

Iva, pajjiżna marbut bid-direttivi tal-Unjoni Ewropea li jnaqqas l-emissjonijiet. Nafu li l-gvern qed jesplora l-possibbiltà tat-twaqqif ta' *wind farms,* kif ukoll inċentiva l-użu tas-*solar heaters* u l-pannelli fotovoltaiċi. Ukoll fl-industrija inċentiva l-bidla għal sorsi ta' enerġija aktar nadifa.

Fl-aħħar Baġit ittieħdu diversi miżuri intiżi biex iħaffu t-tranżizzjoni għal mentalità aktar favur l-ambjent, kif ukoll biex jikkumbatti l-kultura tal-ħela fil-konsum tal-enerġija, u l-ilma, li aħna, sfortunatament, ikollna nużaw l-enerġija biex nipproduċuh minħabba n-nuqqas ta' ilma minerali.

Il-pjan li tnieda mill-Ministru George Pullicino jelenka ammont kbir ta' miżuri li għandhom jissarrfu fi tnaqqis ta' emissjonijiet b'mod li nissodisfaw l-obbligazzjonijiet internazzjonali.

għal paġna 26

# Jeħtieġ nadottaw mentalità wettieqa

minn paġna 23

**Din il-ġimgħa wkoll ngħatat sentenza mill-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja dwar il-*Power Station* ta' Delimara u tal-Marsa. X'inhuma r-reazzjonijiet tiegħek għal din is-sentenza?**

Għandna nimpenjaw ruħna biex mill-aktar fis inkunu konformi pjenament. Jien tkellimt diversi drabi fil-Parlament dwar il-kwalità tal-arja, dwar il-bżonn ta' monitoraġġ tal-arja, biex wieħed ikun jaf eżattament x'inhu jiġi emess mill-impjanti tal-produzzjoni tal-enerġija, kif ukoll dwar il-bżonn urġenti li l-istess impjanti jkunu kemm jista' jkun malajr konformi mad-direttivi tal-UE.

Dan ifisser investiment, u fi żmien ta' riċessjoni. Investiment li diġà beda jsir, u sar, imma li baqa' x'isir biex nilħqu konformità totali. Investiment, li kif għidt, jekk mhux se jsir f'enerġija nadifa, se jkollna nagħmluh, sfortunatament fl-isptarijiet, minħabba l-effetti negattivi ta' ċerti gassijiet fuq is-saħħa tal-bniedem.

**Lura għal New York, naf li d-delegazzjoni Maltija — il-Prim Ministru, il-Viċi Prim Ministru Tonio Borg u int — kellkom laqa' mas-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, Ban ki-Moon.**

Eżattament. Skoprejt li s-Segretarju Ġenerali għandu tifkiriet sbieħ ta' pajjiżna u skoprejt li għandu simpatija kbira lejn il-poplu Malti, dovuta wkoll għall-akkoljenza kaloruża li tajnieh meta ġie jżurna ftit xhur ilu.

Intweriet waqt il-laqgħa wkoll stima kbira reċiproka bejnu u bejn il-Prim Ministru Lawrence Gonzi.

Waqt is-*Summit* laqatni ħafna kumment li għamel meta qal li l-*glaciers* fl-Artiku qed jinħallu b'ritmu ferm aktar mgħaġġel mill-progress fid-diskussjonijiet u l-azzjoni konkreta.

Laqtuni wkoll pittura b'tema ambjentali li tinsab biswit l-uffiċċju tiegħu, li kienet regalata lilu mill-Ministru George Pullicino, u li turi dinja tistrieħ fin-nofs ta' salvawomo.

**Attendejt għal xi laqgħat oħra bilaterali?**

Iva. Il-Prim Ministru mexxa diversi laqgħat bilaterali fosthom mal-Prim Ministru ta' Ċipru, tal-Kroazja, tal-Montenegro, tal-Palestina, kif ukoll il-President tal-Finlandja. Kienu diskussi diversi temi fosthom relazzjonijiet bilaterali, negozju u investiment kif ukoll l-immigrazzjoni.

Osservajt ir-rispett li jgawdi l-Prim Ministru mal-mexxejja barranin kollha li ltqajna magħhom.

Ovvjament kemm il-PM u kemm il-Viċi Prim Ministru attendew għal divresi laqgħat oħrajn fejn jien ma kontx preżenti billi kienu riservati għal kapijiet tal-gvern jew Ministri tal-Affarijiet Barranin.

Bħala membru parlamentari jien attendejt għall-*briefing* tal-*International Parliamentary Union.*

**B'mod partikolari x'kien diskuss f'dan il-*briefing?***

Fl-2005 l-Assemblea Ġenerali waqqfet żewġ organi, wieħed iffukat fuq il-paċi bejn il-ġnus u l-ieħor fuq id-drittijiet fundamentali tal-bniedem. Kien provdut ukoll għal reviżjoni ta' dawn l-organi fi żmien ħames snin mit-twaqqif tagħhom biex tittejjeb l-effikaċja tagħhom.

Issemma wkoll li l-Kunsill Ġenerali għandu jiġi rivitalizzat, għax hemm min iħoss li għandu jkun ħafna aktar effettiv tenut kont tal-lista twila ta' materji li jitratta.

Issemma wkoll ir-rwol tal-Kunsill tas-Sigurtà visa-vis l-Assemblea Ġenerali u d-demarkazzjoni tal-funzjonijiet bejn iż-żewġ organi.

**Kif kien l-andament taż-żewġ konferenzi?**

Kien andament normali, kien hemm diskorsi wkoll li pprovokaw reazzjonijiet negattivi iżda s-sabiħ tan-Nazzjonijiet Uniti hu li bid-differenzi kollha l-ġnus tad-dinja jiltaqgħu f'dan il-forum biex minkejja l-ilwien, kulturi, lingwi, tradizzjonijiet differenti jippruvaw jirrisolvu d-differenzi ta' bejniethom.

U allura, id-delegazzjoni tagħna, immexxija mill-Prim Ministru kienet tifforma parti minn qawsalla ta' lwien differenti ġejjin minn kull rokna tad-dinja.

Illum, aktar minn qatt qabel, l-isfidi huma globali u allura jeħtieġu soluzzjonijiet globali. Kien hemm barra l-bini tan-Nazzjonijiet Uniti, protesti storbjużi iżda paċifiċi fosthom kontra l-okkupazzjoni tat-Tibet u l-aġir tal-Iran.

**X'taħseb li se jkunu l-iżviluppi prinċipali fis-snin li ġejjin fil-qasam tal-enerġija alternattiva?**

Personalment nemmen — u tkellimt dwar dan fil-Parlament — li filwaqt li tajjeb ninvestu mill-aktar fis f'enerġija alternattiva, permezz tar-riħ, tax-xemx, il-*biomass,* kif ukoll nesploraw dik *geothermal,* hu importanti nżommu għajnejna miftuħin għall-iżviluppi f'dak li hu *hydrogen* bħala sors ta' enerġija nadifa.

Nemmen li fil-futur mhux daqshekk imbiegħed, din it-teknoloġija se tkun fuq quddiem nett f'dan il-qasam u għandna nassiguraw li għallinqas, fuq livell ta' riċerka, qegħdin inżommu ruħna aġġornati biex ma ninqabdux fuq sieq waħda, fl-eventwalità li tkun rilevanti għal pajjiżna. It-teknoloġija diġà teżisti, u diġà jinsabu karozzi fis-suq li jutilizzaw din it-teknoloġija.

Kif qal il-Prim Ministru Svediż, il-politika tibda fl-isfidi, l-għażliet u deċiżjonijiet ta' kull individwu. Kollettivament — iżda wkoll individwalment — irridu naġixxu. Mill-aktar fis. U rridu nibdlu l-mentalità. Nadottaw mentalità wettieqa.


